# Il-Knisja ta' Santa Marija (Tal-Blat)



kitba ta' Tony Terribile

Din is-sena l-ħarsa tagħna se ndawruha fuq kappella oħra li nsibu f'Ħal Qormi, il-kappella ta' Santa Marija magħrufa bħala *Santa Marija tal-Blat*.

Il-kult lejn Santa Marija fil-gżejjer tagħna hu qadim u mifrux ħafna. Dan kien minn dejjem, biżżejjed ngħidu li fl-ewwel snin tas-seklu sbatax l-għadd tal-knejjes f'ġieħ l-Assunta kien jilħaq 'il fuq minn disgħin waħda.

Ma' dawn kien hemm, qrib it-tletin altar laterali mifruxa fi knejjes oħra.



Din id-devozzjoni kellha wkoll effett fil-ħajja ta' kuljum tal-poplu tagħna, l-aktar mar-raba' u mal-bdiewa. Hekk intrabat il-ħlas tal-qbiela fil-5 ta' Awissu u l-qtugħ u ż-żara' ta' ċertu prodotti f'dan l-istess jum.

Tajjeb li nsemmu wkoll iż-żjajjar li x-xjuħ tagħna kienu jagħmlu lis-seba' knejjes ta' Santa Marija.

Il-Qriema kellhom id-drawwa li dawn iż-żjajjar jagħmluhom fil-limiti tar-raħal tagħhom stess billi kienu jinvistaw tal-Ħlas, lil Santa Marija ta' l-Imrieħel, Santa Marija ta' Ċeppuna, Santa Marija ta' Atocia, l-altar fil-knisja tal-Vitorja u oħrajn fosthom il-knisja ta' Santa Marija tal-Blat.

Din il-knisja għadha wieqfa sa llum u hi waħda mill-knejjes żgħar li qiegħda ssebbaħ l-ambjent ta' dan ir-raħal.

L-istorja ta' din il-knisja tmur lura lejn l-1575 meta Monsinjur Pietro Duzina żar din il-knisja flimkien ma' knejjes oħra ta' dan ir-raħal. Kienet minn dejjem magħrufa bħala *Tal-Blat* u kif ukoll bħala *Tal-Wied* minħabba l-qagħda tagħha f'dawn l-inħawi. Mal-mixja tas-snin iżda din il-knisja spiċċat fi stat ħażin, imma b'xorti tajba fl-1601 Agostino Galdies inħatar prokuratur tagħha li dan reġa' taha l-ħajja mill-ġdid u għalhekk maż-żmien inbniet il-knisja li naraw illum bil-ġenerożità ta' l-istess familja Galdies.

Din il-familja tant rabtet isimha ma' din il-knisja li waqqfet hawn fondazzjoni biex hekk żgur din il-knisja ma tiġi qatt traskurata.

Mal-mixja tas-snin f'din il-knisja saru bosta tibdiliet u żidiet li permezz tagħhom il-knisja ħadet id-dehra li għandha llum.

Il-kwadru titulari ta'din il-knisja naraw fih lil Marija Assunta u sar bi spejjeż il-familja Galdies; kemm hu hekk fil-parti ta' isfel tiegħu naraw kitba li tfakkar din l-għotja.

Barra dan il-kwadru, f'din il-knisja jispikka wkoll is-saqaf tagħha mibni fuq numru ta' ħnejjiet li magħhom iduru wkoll għadd ta' xorok.

Tieqa tonda fuq il-bieb maġġur iddawwal il-knisja.

Fuq barra l-knisja għandha stil sempliċi iżda eleganti fl-istess ħin, bieb kwadru mżejjen bi gwarniċa nofs tond u b'dekorazzjoni magħmula minn tliet rużuni fuqha.

Fil-bieb naraw għamla ta' żewġt itwieqi magħmula bil-ħsieb biex meta l-knisja tkun magħluqa wieħed ikun jista' jinviżta xorta waħda.

Is-saqaf tal-knisja għandu x-xifer tiegħu mżerżaq u mżejjen bil-gwarniċ u għandu l-forma ta' frontispizju.

Il-kampnar jinsab fin-nofs tal-faċċata u mżejjen b'qanpiena u b'salib tal-ġebel.

Ftit 'il bogħod naraw statwa kbira tal-ġebel ta' Santa Marija mgħollija fuq pedestall b'disinn sabiħ u li fih tispikka ħafna skultura ta' mazzottuni u disinji oħra.

Din l-istatwa, flimkien mal-knisja għandha rabta qawwija man-nies ta' dawn l-inħawi u għalhekk hi xbiha oħra devota mal-Qormin.







© 1996 Kellogg Company

Kellogg's

**FORTIFIED WITH VITAMINS AND IRON**

**THEY'RE GR-R-REAT!**

**Charles Darmanin & Co. Ltd.**
**Tel: 2146 0375**